

# Il-Kappella ta' San Franġisk t'Assisi fil-Knisja l-Antika tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana

minn Rev Dr Martin Micallef OFMCap

Ma kinux għaddew wisq snin mit-twaqqif tal-Ordni Franġiskan Kapuċċin permezz tal-approvazzjoni tal-Bolla *Religionis zelus* mogħtija mill-Papa Klement VII, fit-3 ta' Lulju 1528, meta f'Malta rifes l-ewwel Kapuċċin bl-isem ta' Patri Roberto minn Eboli, li kien għadu kemm ġie mifdi mill-jasar ta' Tripli.[1] Mal-wasla tiegħu fi gżiritna fis-sena 1565, P. Roberto ġġieled mal-Maltin u l-Kavallieri kontra t-Torok waqt l-Assedju l-Kbir u saħansitra kien ġie ferut.[2] Fuq l-eżempju ta' dan il-Kapuċċin, kemm il-Gran Mastru La Vallette, l-Isqof D. Gubelles, kif ukoll il-Maltin, riedu li l-Patrijiet Kapuċċini jkunu preżenti fil-gżejjer tagħna. Iżda l-permess sabiex il-Patrijiet Kapuċċini joħorġu mill-konfini tal-Italja ngħata biss fl-1574.[3]

Fl-1582 kien ġie magħżul Fra Hugues Loubens de Verdalle bħala Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann. Huwa talab lill-Vigarju Ġenerali tal-Ordni tal-Kapuċċini, P. Girolamo minn Polizzi ħalli jibgħat f'Malta l-ewwel Kapuċċini. Din it-talba ġiet milqugħa u fl-1588 beda jinbena l-ewwel kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana, fuq biċċa art imbiegħda daqs 400 qasba minn Bieb il-Belt Valletta, fuq biċċa art imsejħa *id-Dokkara,* qabel ma taqbad Xatt il-Qwabar tal-Marsa.[4] Dan il-kunvent u l-knisja miegħu nbnew b'nefqa tal-Gran Mastru Ugo Loubenx de Verdalle, Kardinal Djaknu, li jibqa' mfakkar bħala wieħed mill-akbar benefatturi tal-Kapuċċini f'Malta.[5] Id-data ta' dan il-bini hija mniżżla fl-iskrizzjoni miktuba bil-latin li tinsab taħt il-pittura ta' dan il-Gran Mastru, miżmuma b'għożża fil-Mużew tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana. Sfortunatament il-bini ta' din il-knisja u l-kunvent iġġarrfu f'attakk mill-ajru fit-Tieni Gwerra Dinjija, nhar il-Għid il-Kbir tal-5 ta' April 1942.[6] B'hekk kienu ntilfu darba għal dejjem tant teżori li kienu jżejnu lil din il-knisja marbuta mal-Kavallieri ta' San Ġwann.[7]



*Dehra tal-knisja l-antika mġarrfa fil-gwerra*

---

[1] Fuq il-ħajja u l-attivitajiet ta' dan il-Kapuċċin f'Malta ara Francis Azzopardi, *Roberto Novella da Eboli Francescano Predicatore a Malta (1565) e a Mantova (1568)* (Malta: Curia Provinciale dei Cappuccini, 2000).

[2] Ara Ibid., 553. 558. 606. Ara wkoll Francis Azzopardi, "The Activities of the First Known Capuchin in Malta Robert of Eboli," *Melita Historica,* no.4 (1965):105.

[3] Fuq dan ara Melchior a Pobladura, *Historia generalis Ordinis Fratrum Minorum Capuccinorum pars prima* (Romae: Institutum Historicorum Ord. Fr. Min. Cap., 1947), 81ss.

[4] Ara G. A., Ciantar, *Malta Illustrata*, Lib. III., Not. XIII (Malta: Stamperia del Palazzo, 1772, 1780), 324; Bartolomeo Dal Pozzo, *Historia della Sacra Religione di S. Giovanni Gerosolimitano, detta di Malta,* I (Verona, 1703), 364.

[5] Ara Francis Azzopardi, "Il-Gran Mastru De Verdalle," *Il-Mument* (24.4.1988): 12.17; ibid., "Il-G.M. Loubenx de Verdalle f'Malta," *Il-Mument* (15.5.1988): 19.26.

[6] Ara Martin Micallef, "L-Attakk mill-Ajru fuq il-Knisja tal-Kapuccini tal-Furjana," *In-Nazzjon* (5.4.2017): 19; ibid., "The Air Raid on the Floriana Capuchin Church and Friary," *The Malta Independent* (5.4.2017): 11; ibid., "75 Sena mill-Attakk fuq il-Knisja tal-Kapuccini," *L-Orrizont* (5:4.2017): 1.11.

[7] Fuq din il-knisja ara Timotju mill-Belt Valletta, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan* (Malta: Empire Press, 1955).

## Id-Deskrizzjoni ta' Patri Pelaġju Mifsud

F'din il-knisja l-antika tal-Kapuċċini fil-Furjana, fuq in-naħa tal-lemin, jekk tħares lejn l-artal, kien hemm kappella ddedikata lil San Franġisk t'Assisi. Patri Pelaġju Mifsud minn Ħaż-Żebbuġ, Kapuċċin u kittieb prolifiku Malti tas-Seklu 18, ħallielna miktub deskirzzjoni pjuttost dettaljata ta' din il-kappella. Fil-Kronaka tiegħu miktuba bit-Taljan u li tinsab ikkonservata għand l-istess Patrijiet fil-kunvent tal-Furjana, P. Pelaġju taħt is-sena 1609, jagħmel referenza għal din il-kappella meta jikteb hekk:

> "Fi żmien it-tmexxija tal-Gran Mastru l-ġdid Fra Alofju de Wignacourt, suċċessur tal-Gran Mastru Mendes, il-Kommendatur Fra Giov. Francesco Lafranco Ceba, b'turija ta' qima lejn il-Patrijiet tagħna u lejn il-Fundatur, il-Qaddis Patrijarka, iddedika lill-istess Eroj Qaddis Patrijarka l-kappella l-oħra li hemm fil-knisja, kif tixhed l-iskrizzjoni fl-irħam li hemm fuq l-arkata tal-istess kappella taħt l-arma tal-Gran Mastru li tgħid hekk ..."[8]

Fl-istess Kronaka, taħt is-sena 1643, P. Pelaġju jkompli jikteb hekk dwar din il-kappella ta' San Franġisk t'Assisi:

> "Matul it-tmexxija tiegħu, il-Gran Mastru Fra Giovanni Lascaris kompla sebbaħ il-kappella ta' San Franġisk b'inkwatru li għadu jeżisti, għalkemm riformat, u li juri lill-imsemmi Qaddis Patrijarka qiegħed jirċievi l-pjagi mqaddsa. Fuq l-arkata ta' din il-kappella, fuq in-naħa li tagħti għal ġol-knisja, jidhru l-armi ġentilizji ta' dak il-Gran Mastru (sic) minquxin fl-irħam abjad."[9]

F'kitba oħra kkonservata fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina, P. Pelaġju jerġa' jirrepeti dan it-tagħrif, għalkemm din id-darba huwa jżid aktar dettalji fuq din il-kappella meta jikteb hekk:

> "Il-kappella viċina kienet twaqqfet u ġiet iddedikata lill-Patrijarka t'Assisi qiegħed jirċievi l-pjagi mqaddsa, kif jidher f' inkwatru taż-żejt magħmul fl-1609 mill-Gran Mastru Fra Alofju de Wignacourt. Dan bidel il-binja tal-kappella mis-sisien, u żejjinha b'dak kollu meħtieġ, kif tixhed skrizzjoni fl-irħam abjad li tidher taħt l-armi ġentilizji tal-istess Gran Mastru, fin-nofs tal-arkata li tagħti għal ġol-istess kappella fuq in-naħa li tħares għal ġol-knisja, u li fiha hemm dan li ġej:

> "Fiż-żmien li Alophio Wignacourt
> Kien imexxi bl-akbar ħila l-Kavallieri
> Ġerosolmitani
> Ir-Riċevitur tiegħu Fra Giovanni
> Lanfranco Ceba
> offra u ddedika [din il-pittura]
> lill-Patrun tiegħu San Franġisk
> fis-sena tal-fidwa 1609"[10]




***Dehra tal-faċċata tal-knisja u l-kunvent l-antik***

F'din il-kitba, P. Pelaġju mbagħad isemmi l-preżenza ta' Kurċifiss li kien hemm f'din l-imsemmija kappella.

> "Wara l-inkwatru, f'niċċa, hemm meqjum is-Santissimu Kurċifiss flimkien mad-Duluri u San Ġwann l-Evanġelista li jiġu esposti kull nhar ta' Ġimgħa matul ir-Randan, filwaqt li jiġi espost is-Sagrament Imqaddes, b'omelija u l-kant tal-Litanija

[8] Ara A[rchives] C[apuchin] P[Province] M[alta], *Cronica delli RR. PP. Minori Capuccini di Malta. Opera Divisa in Due Libri Raccolti dal Pre Fra Pelagio Maria Predicatore Capuccino dalla Terra Zebug chiamato nel Secolo Don Bartolomeo Mifsud Gauci Pifcopo Proton: Aplico, e Dottore in Medicina, e Profefsore di cotefta Cuftodia de Capuccini di Malta*, f.35.

[9] Ibid., f.76. Skont dan it-test, l-armi ta' fuq l-arkata li tagħti għall-knisja huma ta' Lascaris; waqt li fit-test ta' qabel dan, P. Pelaġju jgħid li l-armi huma ta' Wignacourt.

[10] A[rchives] C[athedral] M[alta], *Notizie di Monasteri e Case Religiosi* – 1775, Misc. 54, f.63v.

tal-passjoni u fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali."[11]

Dan il-Kapuċċin jerġa' jagħti din l-informazzjoni f'paġna oħra li nsibu f'dan l-istess manuskritt miktub minnu. P. Pelaġju jibda billi jerġa' jsemmi lil Gran Mastru Wignacourt f'rabta ma' din il-kappella meta jikteb:

"Din il-kappella kisbet il-patronaġġ tal-Gran Mastru Fra Alofio de Wignacourt. Kien hu li żejjinha b'inkwatru taż-żejt maħdum minn id tassew tajba u li juri l-Qaddis Patrijarka tagħna qiegħed jirċievi l-pjagi; għamlilha kanċell tal-injam, u fornieha bit-tagħmir kollu meħtieġ. Dan seħħ fis-sena 1609 li kienet id-disa' sena tat-tmexxija tiegħu. Dan tixhdu skrizzjoni fl-irħam abjad li tidher ingastata f'nofs l-arkata, bl-armi tiegħu 'l fuq minnha parzjalment minquxin fl-irħam, u li qegħdin fuq in-naħa ta' barra li tħares lejn il-ġewwieni tal-knisja ..."[12]



***Il-knisja l-antika tal-Kapuċċini armata għall-festa***

Huwa proprju f'dan il-punt tad-deskrizzjoni tiegħu, fejn P. Pelaġju jgħaddi biex jitkellem minn dak li hu jsejjaħlu "qualche curioso artifizio."

"Il-kappella msemmija [ta' San Franġisk] kienet ġiet imkabbra, u kważi mibnija mis-sisien, fis-sena ... flimkien ma' element tassew kurjuż. Il-ħajt ta' wara huwa msawwar nofs tond. In-niċċa tal-inkwatru hija fonda biżżejjed biex joqgħod fiha Kurċifiss kbir li ta' kull sena jinkixef kull nhar ta' Ġimgħa fir-Randan, u wara nofsinhar jiġi espost is-Sagrament u ssir prietka fuq il-Passjoni, jitkantaw il-litaniji tal-Passjoni, u fl-aħħar tingħata l-barka sagramentali. Għal dan il-għan, l-inkwatru titulari ġie mqiegħed b'mod li, mingħajr ma jitneħħa minn postu, jista' jitniżżel iktar fil-baxx għal dik il-ħtieġa, u bl-istess faċilità jerġa' jitqiegħed lura f'postu."[13]

Wara li P. Pelaġju jsemmi l-preżenza ta' dan il-Kurċifiss kbir li kien jitgħatta b'inkwatru li kien hemm, huwa jsegwi din il-kitba tiegħu billi jagħti deskrizzjoni tal-artal u ta' inkwatru ieħor iżgħar li kien hemm f'din il-kappella ddedika lil San Franġisk. Dan il-Patri Kapuċċin jgħid li dan l-inkwatru kien juri lil Sant'Antnin ta' Padova bil-Bambin u li kien imqiegħed fuq l-iskanell tal-artal, jiġifieri fil-parti ta' fuq mill-mejda [*mensola*] tal-artal.

"L-altar mhux qiegħed imserraħ mal-ħajt iżda maqtugħ għalih. F'nofs l-iskanell tiegħu hemm meqjum inkwatru bi gwarniċa tal-injam f'għamla ovali, li juri t-Tawmaturgu ta' Padova qiegħed jagħti qima lill-Bambin waqt li Dan jidher ibierku. Dan hu xogħol eċċellenti, mill-aktar grazzjuż, li jqanqal devozzjoni, u kien l-aħħar xogħol li ħadem l-artist magħruf Malti Enrico Regnaud, a spejjeż ta' benefattur li kien talab li l-inkwatru jkun espost hemmhekk sa mis-sena 1758. Minħabba d-devozzjoni tiegħu, u minħabba l-fatt li dan l-inkwatru ntrabat ma' qalb il-poplu, li spiss kienu jżuruh, l-istess benefattur kien ta' kull sena jħallas sabiex tiġi ċċelebrata l-festa tal-Qaddis permezz ta' quddiesa kantata skont id-drawwa tal-Kapuċċini u bil-paniġierku."[14]

X'sar minnu dan l-inkwatru ma nafux. Aktarx li dan inqered meta ġġarrfet il-knisja. Fil-knisja tal-Kapuċċini f'Għawdex hemm inkwatru żgħir, forma ovali li juri lil Sant'Antnin. Mill-istil tiegħu, iżda jidher li din il-pittura nistgħu

[11] Ibid.

[12] Ibid., f.59r.

[13] Ibid.

[14] Ibid. 59r-59v.

nattribwuha lill-pittur Malti Rocco Buhagiar.[15] Wara r-referenza għall-inkwatru ta' Sant'Antnin fuq l-artal tal-kappella ta' San Franġisk t'Assisi, P. Pelaġju jagħmel referenza għal inkwatru ieħor li fuqu jgħid hekk: "Fuq l-inkwatru titulari hemm meqjum pittura li turi lill-Missier Etern."[16] Jidher li din hi l-istess pittura f'forma tonda, magħmula minn id tajba u li llum tinsab konservata fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana.

Wara d-deskrizzjoni ta' dawn iż-żewġ inkwatri li kien hemm fil-kappella ddedikata lil San Franġisk t'Assisi, P. Pelaġju jgħaddi biex isemmi żewġ statwi li kien hemm mal-faċċata fil-ġenb tal-inkwatru titulari li kien juri lil San Franġisk qed jirċievi l-pjagi.

> "Fuq kull ġenb tal-inkwatru titulari hemm niċċa li parti minnha hi mħaffra fil-ħajt. F'dik tan-naħa tal-lemin hemm imqiegħda statwa tal-ġibs ta' San Fidiel Martri, Kapuċċin ta' daqs ta' sebat ixbar. Fuq il-ġenb tax-xellug hemm statwa tixxiebah li turi lil San Ġużepp minn Leonessa; fuq kull niċċa hemm tieqa ovali bil-ħġieġ sabiex tagħti d-dawl."[17]



*Il-kappella tal-Madonna tal-Grazzja fil-knisja l-antika tal-Kapuċċini*

P. Pelaġju jagħti aktar tagħrif fuq dawn l-istatwi meta aktar tard f'dan l-istess manuskritt tiegħu, huwa jerġa' jikteb:

> "Fil-ġenb tal-inkwatru mill-isbaħ saru żewġ niċeċ, li fihom tqiegħdu żewġ statwi magħmula mill-ġibs, xogħol ta' Patri Rafel, Malti, mill-Belt Valletta. Dawn jirrappreżentaw lil San Fidiel minn Sigmaringe, Kapuċċin martri fuq in-naħa tal-lemin, u lil San Ġużepp minn Leonessa, Konfessur Kapuċċin fuq in-naħa tax-xellug."[18]

Jidher li dawn l-istatwi msemmija hawn kienu jixbhu lil dawk li għadna nistgħu naraw sal-lum fil-ġenb tal-artali li hemm f'xi wħud mill-kappelli tal-knisja tal-Kapuċċini fil-Kalkara.[19] P. Pelaġju mbagħad isemmi l-preżenza ta' pittura oħra li kienet f'din il-kappella ddedikata lill-Patrijarka t'Assisi:

> "Mal-ħajt tal-lemin hemm imdendel inkwatru taż-żejt bix-xbieha ta' Santa Klara t'Assisi, għoli erbat ixbar u bi gwarniċa tal-injam mogħtija l-lostru."[20]

X'sar minn dan l-inkwatru ma nafux. Jista' jkun li dan inqered ukoll bil-Gwerra. L-uniku żewġ inkwatri antiki li jirrappreżentaw lil Santa Klara li għadna nsibu fil-knejjes tal-Kapuċċini huma: l-inkwatru li hemm fil-Kor ta' fuq tal-knisja tal-Kalkara li ma nistgħux neskludu li hu l-istess wieħed li jsemmi hawn minn P. Pelaġju; u l-inkwatru ieħor fil-kor ta' fuq fil-knisja tal-Kapuċċini fir-Rabat t'Għawdex.[21] Wara r-referenza għall-inkwatru ta' Santa Klara fil-kappella ta' San Franġisk, P. Pelaġju jsemmi li fuq il-ħajt tal-ġenb, tan-naħa tax-xellug, kien

---

[15] Ara Paul Cassar, *The Friaries and Churches of the Augustinians, the Franciscan Minor Conventuals and the Capuchins in Rabat, Gozo: History, Architecture and Works of Art,* Long Essay submitted in part fulfilment of the requirements for the Degree of Bachelor of Arts Honours in History of Art presented in the Department of History of Art, Faculty of Arts, University of Malta, May 2010, 188.

[16] ACM, Misc. 54, f.59v.

[17] Ibid.

[18] Ibid., f.63v.

[19] Ara Joseph Garzia, *Il-Kapuċċini fil-Kalkara: Storja u Devozzjonijiet* (Malta: Veritas Press, 2003), 246-248.

[20] ACM, Misc. 54, f.59v.

[21] Fuq din il-pittura ara Cassar, *The Friaries and Churches of the Augustinians, the Franciscan Minor Conventuals and the Capuchins in Rabat, Gozo,* 182.

hemm inkwatru ieħor interessanti marbut ma' ġrajja jew miraklu tal-Madonna.

"Mal-ħajt tal-ġenb tax-xellug hemm imdendel inkwatru ieħor li jixbah lil dak ta' qablu li juri miraklu tal-Madonna li kien seħħ in konnessjoni ma' statwa tal-irħam u midruba f'rasha b'daqqa ta' xabla, bdiet tnixxi ħafna demm."[22]

Dwar dan l-inkwatru, inkluż il-qies tiegħu, min għamlu u x'sar minn dan l-inkwatru, ma nafu xejn għajr dak li naqraw f'din ir-referenza fil-kitba ta' P. Pelaġju. Wara din ir-referenza, P. Pelaġju jagħtina deskrizzjoni tal-artal li kien hemm fil-kappella ta' San Franġisk. Huwa l-ewwel jgħid li "il-mejda [mensola] ta' dan l-artal hi kollha vojta," jiġifieri mingħajr gandlieri u l-affarijiet l-oħra li s-soltu jkun hemm fuq l-artal. Imbagħad ikompli jikteb:

"Il-mensola tal-artal hija magħmula kollha kemm hi mill-irħam ta' lwien differenti, hekk ukoll il-pedana tal-artal u ż-żewġ tarġiet tal-istess paviment huma tal-irħam bajdani."[23]

Il-fatt li dan l-artal fi knisja tal-Kapuċċini kien miksi kollu kemm hu bl-irħam juri li dan kien artal li kien hemm marbuta miegħu devozzjoni qawwija. Fil-fatt, P. Pelaġju jinfurmana li f'dan l-artal kien hemm meqjum il-*corp sant* ta' Santa Benedetta martri.

"F'dan il-punt inkomplu b'dak li seħħ fl-1763 permezz tal-okkażjoni tal-festa tat-translazzjoni tal-ġisem ta' Santa Benedetta martri mlibbsa ta' erojka u li hi mqiegħda u mħarsa fil-vojt tal-mejda tal-altar, imħarsa minn grada tal-ħadid u ħġieġ kemm min-naħa ta' quddiem tal-artal, kif ukoll minn wara. F'nofs l-irħama tal-mensa hemm l-arma ġentilizja tal-Gran Mastru preżenti Fra Emanuele Pinto, Benefattur … Il-festa tal-Qaddisa Martri tiġi ċċelebrata b'solennità kull sena, fil-Ħadd li jaħbat matul l-ottava tat-Tlugħ is-Sema tal-Mulej, u qabel isiru għaxart ijiem ta' eżerċizzi bħala tħejjija għall-poplu, u li jiġi hawnhekk bi ħġaru u bi gratitudni għall-grazzji li jinqalgħu bl-interċessjoni tal-Qaddisa, kif tixhed il-lista tal-bosta *ex voti* murija fin-nota li ssegwi …"[24]

F'dan il-punt tal-kitba tiegħu, P. Pelaġju jagħti lista twila ta' oġġetti prezzjużi li kienu ngħataw lil din il-knisja b'ringrazzjament għall-wegħdi maqlugħa bl-interċessjoni ta' Santa Benedetta, li jidher li d-devozzjoni lejha kienet waħda pjuttost popolari u mifruxa sewwa. Saħansitra x-xbieha tagħha kienet ġiet stampata fuq imkatar tal-ħarir li fihom kien hemm miktub li l-*corp sant* tagħha hu meqjum fil-knisja tal-Kapuċċini tal-"Valletta," kif kien magħruf il-kunvent tal-Furjana f'dak iż-żmien.[25]



***Dehra tal-knisja l-ġdida tal-Kapuċċini***

Minkejja li l-*corp sant* ta' Santa Benedetta martri, fil-fatt, kien meqjum fl-artal tal-kappella ta' San Franġisk fil-knisja l-antika tal-Kapuċċini fil-Furjana, mal-wasla ta' dan il-*corp sant,* xi Patrijiet Kapuċċini riedu li l-fdalijiet qaddisa ta' din il-martri jitqiegħdu fl-artal maġġur tal-istess knisja fejn kien hemm ukoll it-Tabernaklu tal-knisja. Min-naħa l-oħra, xi Patrijiet oħra kienu

[22] ACM, Misc. 54, f.59v.

[23] Ibid.

[24] Ibid., 59v-60r.

[25] Edgar Vella, *Treasures of Faith: Relics and Reliquaries in the Diocese of Malta during the Baroque Period 1600-1798* (Malta: Midsea Books, 2016), 68 jirriproduċi stampa ta' wieħed minn dawn l-imkatar tal-ħarir magħmula fis-Seklu 18 u li jinsab konservat fil-Monasteru tal-Benedittini fl-Imdina.

rraġunaw li ħaġa bħal din tista' tnaqqas il-qima lejn is-Sagrament Imqaddes għaliex faċilment lin-nies jibdew iqimu aktar il-fdalijiet qaddisa ta' din il-martri milli lill-Ewkaristija. Għalhekk, il-Patrijiet kienu talbu l-parir tal-Kongregazzjoni tal-Kult f'Ruma. F'din il-kwestjoni kien indaħal ukoll il-Kavallier, il-Balliju Lante delle Rovere, li ddefenda lill-Gwardjan tal-Kapuċċini li xtaq li dan il-*corp sant* jitqiegħed fuq l-artal maġġur tal-knisja. Bħala argument kien inġieb l-eżempju ta' San Kalċidonju fil-Furjana li l-*corp sant* tiegħu jinsab meqjum proprju fl-artal ewlieni ta' din il-kappella. It-tweġiba li ngħatat, iżda, kienet waħda negattiva u fir-rigward ta' San Kalċedonju kien ġie miktub li dan kien tqiegħed hemm mingħajr il-permessi tas-superjuri u li dan kien qed joħloq inkonvenjent.[26]

Minn dak li jkompli jikteb P. Pelaġju nafu li l-kappella ddedikata lil San Franġisk fil-knisja l-antika tal-Kapuċċini fil-Furjana kellha kanċell biex jifridha mill-kumplament tal-knisja. 'Il barra minn dan il-kanċell, P. Pelaġju jsemmi li kien hemm konfessjonarju li kien jinsab imqiegħed bejn din il-kappella u dik ta' ħdejha ddedikata lill-Madonna tal-Libertà u li kienet aktar qrib l-artal maġġur tal-knisja. P. Pelaġju jsemmi li fuq dan il-konfessjonarju kien hemm imdendel inkwatru ieħor li juri lil San Franġisk t'Assisi.

> "Meta toħroġ mill-kanċell ta' din il-kappella għal ġol-knisja sabiex tmur għall-kappella ta' ħdejha ddedikata lill-Madonna tal-Libertà, hemm konfessjonarju tal-injam abjad u lixx u mal-ħajt ta' fuqu hemm imdendel inkwatru għoli erbat ixbar, bil-gwarniċa tal-injam mogħtija l-lostru u li juri l-Qaddis tagħna, il-Patrijarka t'Assisi mitluf f'estasi fuq tapit tal-qasab, b'anġlu warajh sabiex iwieżnu."[27]

P. Pelaġju jikteb ukoll li sabiex tgħaddi minn din il-kappella ddedikata lil San Franġisk għall-kappella li kienet tmiss magħha, jiġifieri dik iddedikata lill-Madonna tal-Libertà, kien hemm bieb u passaġġ. Hekk ukoll hemm fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Kalkara u f'Għawdex, żewġ knejjes li fl-arkitettura tagħhom jixbhu ħafna lill-knisja l-qadima li l-Kapuċċini kellhom fil-Furjana. P. Pelaġju jitkellem ukoll fuq kappella oħra li kien hemm ħdejn dik ta' San Franġisk u li kienet iddedikata lil Sant'Anna. Din il-kappella kienet tinsab qrib il-bieb ta' barra u taħt il-Kor ta' fuq fejn jitolbu l-Patrijiet. Bejn dawn iż-żewġ kappelli, P. Pelaġju jagħmel referenza għal inkwatru ieħor interessanti.

> "Taħt l-arkata tal-fetħa ta' din il-kappella [ta' Sant' Anna] li tagħti għal ġewwa, jiġifieri taħt it-tieqa li tgħaqqad għall-Kor ta' fuq, hemm konservata l-arma ġentilizja tal-Eminentissimu Sinjur Kardinal Fundatur [Verdalle] minquxa fil-ġebla Maltija ... fil-bieb tal-passaġġ għall-kappella li tmiss magħha u li hija ddedikata lil San Franġisk. Meta toħroġ għalhekk mill-kanċell għall-knisja, fuq in-naħa tal-lemin hemm konfessjonarju tal-injam abjad u lixx u fuqu, imdendel mal-ħajt, hemm inkwatru impitter biż-żejt li l-gwarniċ tiegħu huwa tal-injam miżbugħ u li juri lill-Beatu tagħna Serafin minn Montegrano li madwar rasu hemm dijadema tal-fidda mogħtija minn wieħed mid-devoti tiegħu."[28]

Jista' jagħti l-każ li d-dijadema jew ir-raġġiera msemmija hawn, magħmula mill-fidda, hija waħda miż-żewġ raġġieri tal-fidda li huma kkonservati fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana. Fil-fatt, waħda minn dawn iż-żewġ raġġieri mhijiex tonda kollha; minflok din hija maqtugħa min-naħa t'isfel b'mod illi turi li din kienet imwaħħla madwar ras xi qaddis impitter f'xi inkwatru. X'sar minn dan l-inkwatru, kif kien jew min għamlu, ma nafu xejn għajr dak li jikteb hawn P. Pelaġju.

### Teatru ta' Fidi

Aktarx li minn din l-informazzjoni pjuttost twila u dettaljata li P. Pelaġju ħallielna bil-miktub dwar il-kappella ddedikata lil San Franġisk t'Assisi li kien hemm fil-knisja l-antika tal-Kapuċċini fil-Furjana, l-aktar ħaġa interessanti hija l-grupp ta' tliet statwi li kien hemm: il-Kurċifiss kbir, il-

[26] Ara ACM, Misc. 61, ff 152-3. Il-korrispondenza tal-Balliju Lante delle Rovere hija tradotta bl-Ingliż u ppubblikata f'Vella, *Treasures of Faith,* Appendix VII, 213-214.

[27] ACM, Misc. 54, ff.60v-60r.

[28] Ibid., f.59r.

Madonna tad-Duluri u San Ġwann l-Evanġelista li kienu jitgħattew permezz tal-inkwatru lit-tila tiegħu kienet titla' u tinżel b'faċilità kbira. Kull darba li dan l-inkwatru kien jitniżżel 'l isfel, dawn l-istatwi kienu jitgħattew. Kull darba mbagħad li kienu jtellgħu dan l-inkwatru, kienu jinkixfu dawn l-istatwi għall-qima ta' dawk preżenti.




***Il-Kurċifiss tal-injam imdendel fil-post fejn kien hemm l-inkwatru titulari***

Skont P. Pelaġju din il-ħaġa kienet isseħħ fil-jum tal-Ġimgħa matul ir-Randan waranofsinhar. Xi ħaġa simili għadna nsibuha f'xi santwarji, fejn il-pittura titulari tkun mgħottija permezz ta' purtiera li tinkixef biss f'ċerti jiem għall-qima tad-devoti preżenti. Sandro Debono jikteb li minn dak li jgħidilna P. Pelaġju, f'din il-kappella ta' San Franġisk kien hemm element qawwi mxebbah ma' "teatru ta' fidi."[29]

Nafu li dan ma kienx l-uniku artal mekkaniku li kien hemm fil-knisja l-antika tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana. Fil-kappella ddedikata lill-Madonna tal-Libertà, li kienet maġenb dik ta' San Franġisk, kien hemm artal mekkaniku ieħor.[30] F'dan l-artal, kien hemm numru ta' relikwi fi speċi ta' urni tal-injam li kienu jduru permezz ta' roti mekkaniċi, xogħol fl-injam maħdumin minn Fra Ġużepp mill-Isla, Kapuċċin ta' ħila kbira li kien iddisinja l-pjanta tal-kunvent u l-knisja tal-Kapuċċini fil-Kalkara u fir-Rabat t'Għawdex. Nafu wkoll li dan Fra Ġużepp kien ħadem ukoll it-Tabernaklu tal-artal maġġur tal-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana.

> "Fis-sena 1724: Tabernaklu għas-SSmu Sagrament għall-knisja tal-Patrijiet Kapuċċini tal-Belt Valletta, maħdum fuq stil robust u mill-aktar imrażżan, xogħol kważi lixx għal kollox, iżda mżejjen b'intarsjar mill-aktar mirqum."[31]

Din id-deskrizzjoni miktuba minn P. Luigi Bartolo, Kapuċċin, fil-manuskritt tiegħu miktub fis-Seklu 18, naqraw ukoll fuq dawn ir-relikwarji magħmulin minn Fra Ġużepp u li kienu jagħmlu parti mill-artal tal-Madonna tal-Libertà.

> "Fis-sena 1734: gwarniċ kbir fuq stil imħallat, b'nisġa ta' diversi aperturi żgħar li jiffurmaw Relikwarju sħiħ, u li jħaddan ukoll l-altar żgħir tal-Madonna tal-Libertà, fil-knisja tal-Kapuċċini tal-Belt Valletta."[32]

Dawn ir-relikwi kienu jkunu esposti għal xi ħin, imbagħad permezz ta' dawn ir-roti mekkaniċi kienu jerġgħu jingħalqu. Xi ħaġa similli għadna nistgħu narawha fil-kappella tar-Relikwi li hemm fil-kunvent ta' San Francesco a Ripa in Trastevere, f'Ruma.[33] Illum, fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana, għad hemm esposta waħda minn dawn ir-roti mekkaniċi li kienet

[29] Sandro Debono, *Imago Dei: Sculpted Images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta* (Malta: PEG, 2005), 53. "The end result, as described, has a strong functional element akin to a theatre of faith. The general set up had to essentially function in response to necessities of cult irrespective of the aesthetic qualities of the individual works themselves."

[30] Ara ACPM, *Cronica delli RR. PP. Minori Capuccini di Malta,* f.26.

[31] ACPM, *Apparato Cronologico nel quale si regiftrano e fi nominano quei Religiosi Capuccini di nazione Maltesi, che furono eletti e costituiti Superiori, e Prelati nella loro Religione, o deputati, e promossi in altre dignità, impieghi e Ufficj onorevoli ... Dall'Anno 1584 per infino al 1752. Autore e Collettore il Rev P. Luigi Bartolo della Valletta 1752,* f.172.

[32] Ara ibid.

[33] Dwar ix-xebh bejn din il-kappella f'Ruma ma' dik li kien hemm fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana ara Vella, *Treasures of Faith,* 95-96.

tagħmel parti minn dan l-artal mekkaniku tar-relikwi.

### L-Inkwatru ta' San Franġisk t'Assisi

P. Pelaġju mhuwiex l-uniku kittieb li ħallielna deskrizzjoni tal-kappella ta' San Franġisk fil-knisja l-antika tal-Kapuċċini fil-Furjana. Abela Ciantar li kiteb ftit snin wara P. Pelaġju, jgħid li fil-knisja l-antika kien hemm il-kappella ta' San Franġisk u dik tal-Madonna tal-Libertà, li kienu ħdejn xulxin, u li kienu wkoll it-tnejn imħaffrin 'il ġewwa fil-ħajt.[34] Huwa jaqbel ma' P. Pelaġju meta jkompli jikteb li l-kappella ta' San Franġisk kienet ġiet imżejna mill-ġdid fl-1609 mill-Kavallier F. Giovanni Lanfranco Ceba, Riċevitur tal-Gran Mastru Wignacourt, u tqiegħed fiha pittura ġdida li turi lil San Franġisk t'Assisi qed jirċievi l-pjagi. Ciantar jagħmel ukoll referenza għall-fatt li din il-kappella kienet ġiet imżejna b'dak li kien meħtieġ, kif insibu miktub fl-iskrizzjoni li hemm bl-arma tal-istess Gran Mastru u li hija mqiegħda fuq l-arkata tal-imsemmija kappella. Minkejja din id-deskrizzjoni, Abela Ciantar jibqa' sieket fuq il-preżenza ta' dan il-Kurċifiss u tal-istatwi li kien hemm miegħu f'din il-kappella. Lanqas ma jagħmel referenza għall-inkwatru li kien jitla' u jinżel biex jgħatti lill-Kurċifiss u lil dawn l-istatwi.

Bħal Abela Ciantar, aktar tard imbagħad, Achille Ferris fid-deskrizzjoni li jagħti fuq il-knisja l-antika tal-Kapuċċini tal-Furjana, isemmi l-kappella ddedikata lil San Franġisk t'Assisi. Huwa jikteb li f'din il-kappella kien hemm pittura ta' San Franġisk u jgħid li din kienet ġiet impittra mill-famuż pittur Malti, Stefano Erardi. Madanakollu, Ferris ma jsemmi xejn fuq il-preżenza tal-Kurċifiss f'din l-istess kappella.[35] Żewġ awturi oħra, li bħal Ferris isemmu li l-pittura ta' San Franġisk li kien hemm f'din il-kappella kienet tpittret minn Stefano Erardi, huma Vincenzo Caruana dei Conti Gatto,[36] u Patri Timotju mill-Belt Valletta.[37] Dawn iż-żewġ awturi, iżda, ma jagħtux l-għejun ta' minn fejn kienu kisbu din l-informazzjoni.

P. Timotju jikteb li f'din il-kappella kien hemm inkwatru sabiħ li juri l-Madonna tal-Isperanza. Kien hemm ukoll statwa tal-Madonna tal-Isperanza u oħra ta' San Franġisk t'Assisi li P. Filip Anton mill-Belt Valletta kien ġab minn Lecce.[38]

### Verżjoni ta' Kurċifiss ta' Bernini

Dwar l-istatwi msemmija minn P. Pelaġju li kienu juru tal-Madonna tad-Duluri u lil San Ġwann l-Evanġelista li kien hemm mal-Kurċifiss fil-kappella ta' San Franġisk, ma nafu xejn: la kif kienu, la min għamilhom u wisq aktar x'sar minnhom. Sandro Debono fl-istudju tiegħu dwar Kurċifissi li nsibu fuq l-artali tal-knejjes fil-gżejjer tagħna, jikteb li l-kunċett ta' kumpless ta' tliet statwi li jiffurmaw ix-xena tal-Kurċifissjoni jfakkruna f'dawk li baqgħu magħrufin bħala "the Filacaja crucifixion group," li kien hemm fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta, u mogħtija fl-1653 mill-Kommendatur Fra Felicaja.[39]



***Dettall tal-Kurċifiss tal-injam imdendel fuq l-artal maġġur***

[34] Ciantar, *Malta Illustrata,* Lib III, Not XIII, 325.

[35] Achille Ferris, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* (Malta, 1866), 240.

[36] Ara Vincenzo Caruana dei Conti Gatto, *Malta Artistica Illustrata* (Malta: Tipografia della Casa di San Giuseppe, 1906), 58-59.

[37] Timotju mill-Belt Valletta, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini tal-Furjana u l-Ordni Gerosolomitan,* 105.

[38] Timotju, *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kapuċċini*, 29.

[39] Fuq il-miġja ta' dawn l-istatwi f'Malta ara Hannibal Scicluna, *The Church of St. John in Valletta* (Rome: Casa M Danesi, 1955),142. Fl-1958 dawn l-istatwi tqiegħdu fil-passaġġ qabel tidħol għas-Sagristija tal-Konkatidral ta' San Ġwann, fejn għadhom hemm

Dwar il-Kurċifiss imsemmi ma' dawn iż-żewġ statwi, ma nistgħux neskludu li dan il-Kurċifiss li jsemmi P. Pelaġju huwa l-istess wieħed li llum narawh imdendel fuq l-artal maġġur tal-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana. Nafu li għal xi żmien, dan il-Kurċifiss kien imdendel fl-ewwel indana tat-taraġ ewlieni tal-kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana. Illum f'dan il-post fit-taraġ tal-kunvent, hemm Kurċifiss ieħor imdaqqas, xogħol mill-isbaħ maħdum mill-kartapesta, li meta nbniet il-knisja l-ġdida wara l-Gwerra kien tqiegħed fin-niċċa ħdejn il-bieb ta' barra fejn illum hemm l-inkwatru ta' San Rajmondo Nonato. Flimkien ma' dan il-Kurċifiss f'din in-niċċa, kien hemm ukoll numru ta' relikwi mżejna bil-ganutell. Dan il-Kurċifiss magħmul mill-kartapesta kien tneħħa mill-knisja u ddendel fit-taraġ tal-kunvent meta minn dan l-istess taraġ, il-Patrijiet neħħew il-Kurċifiss kbir tal-injam li tqiegħed fil-knisja fuq l-artal maġġur.

Fl-1968 bħala parti mit-tibdil li kien sar fl-istruttura tal-artal ewlieni ta' din il-knisja wara l-Konċilju Vatikan II,[40] kien tneħħa l-inkwatru titulari li kien hemm fuq l-artal maġġur biex floku tqiegħed dan il-Kurċifiss kbir tal-injam.[41] Sandro Debono jsemmi lil dan il-Kurċifiss bħala verżjoni ta' Kurċifissi oħra li juru lil *Cristo morto* maħdumin minn Gian Lorenzo Bernini (1598-1680), u li kienu saru popolari ħafna fis-Seklu 18. Dan il-mudell kien magħmul minn Bernini għall-proġett tal-Papa Alessandru VII sabiex isebbaħ l-artali tal-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan permezz ta' sett ġdid ta' gandlieri u Kurċifiss. Skont Debono, is-sehem ta' Bernini hawn ma kienx aktar milli ħażżeż id-disin għal dan il-Kurċifiss minħabba li hu magħruf li l-mudell attwali tax-xema' nħadem minn Ercole Ferrata (1610-1686). Minkejja dan, jidher li Bernini segwa x-xogħol b'reqqa ta' kif inħadem il-Kurċifiss, li wisq probabli baqa' fil-pussess ta' Ferrata minħabba li dan ġie mniżżel fost l-affarijiet li ħalla wara mewtu. Dan il-mudell, flimkien ma' verżjoni ta' *Cristo Vivo,* saru bejn is-snin 1658 u 1659.[42]

Debono jagħtina deskrizzjoni tal-Kurċifiss ta' Bernini,[43] filwaqt li jżid li l-Kurċifiss li nsibu fil-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana jerġa' jinterpreta dan l-imsemmi prototip b'mod aktar ġdid, kif jidher fil-mudell vigoruż tal-figura ta' Kristu mejjet. Dan il-mod jgħin sabiex din ix-xbieha tibqa' tidher b'mod tajjeb, saħansitra meta tkun imdendla f'ċertu għoli. Il-polikromija użata hija ta' kuluri xi ftit ċassi minflok ta' kuluri qawwija li setgħu joħorġu aktar il-forma anatomika tal-Kurċifiss.[44] L-injama tas-salib fin-naħa vertikali

sal-lum. Ara Dominic Cutajar, *History and Works of Art of St John's Church, Valletta - Malta* (Malta: MJ Publications, 1999), 91.

[40] Ara "Dalwaqt jitlestew l-artali ġodda tal-Kapuċċini," *Il-Ħaddiem* (30.3.1968): 8.

[41] Dan l-inkwatru titulari li juri s-sejba tas-salib minn Sant'Elena tpitter mill-Prof Ġużeppi Briffa fl-1955 wara li dak li kien hemm qablu kien inqered mal-knisja l-antika fil-Gwerra. Ara Andrè Azzopardi, "Sant'Elena fil-Knejjes Maltin," *In-Nazzjon* (20.8.1997): 22; E.V. Borg, "Joseph Briffa (1901-1987)," *Il-Ħajja* (2.4.1987): 5. Għal xi żmien dan l-inkwatru kien tqiegħed fil-Kor ta' fuq tal-kunvent sakemm imbagħad meta tkabbar il-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana, kien tqiegħed f'dan il-Mużew fejn għadu hemm sal-lum. L-abbozz ta' dan l-inkwatru ta' Briffa jinsab fl-Arkivju tal-istess kunvent.

[42] Ara Sandro Debono, *The Sculptured Altar Crucifix in the Maltese Islands 1600-1800,* A Long Essay Submitted in Part Fulfilment of the Requirements for the Degree of Bachelor of Arts (Honours) in History of Art Presented to the Art Programme, Faculty of Arts, University of Malta, June 2003, 100.

[43] Ara ibid. "The dead Christ is interpreted with head bent down slightly to the left as if to counterbalance the flowing drapery folds of the *perizonium* which radiate in a rhythmic flow from a focal point on the left hip. The work is imbued with a pronounced emphasis on anatomical detail with the bent knees breaking the tension of the otherwise dead personality. The figure is also modelled with the specific intention of an optimal viewing from some 30 degrees below. Ercole Ferrata appears to have introduced elements into the model which do not form part of Bernini's repertoire. The figure has long arms whilst a subdued expression of suffering is evident in the face. The figure is interpreted through a gentle *controposto* of the body. The stamp of Bernini's ideas nonetheless remains decisive inspite of Ferrata's technical virtuosity."

[44] Ara ibid., 101 "The polychromy however speaks of an insensitive flat colour applied to the work other than a pictorial rendition, which would have in turn developed further the anatomical forms. A close examination of the work has revealed the lack of a gesso preparation and this flat colour is applied directly onto the wood surface. [No stratification has been noted except for a greyish colour underneath the *perizonium* colour]. Various tooling marks are also visible on the torso and other parts of the body and thus the whole work has retained the freshness of the sculptor's hand.

kif narawha llum, kienet ġiet miżjuda miż-żewġ trufijiet, iżda huwa biss iż-żjieda fuq in-naħa t'isfel li kienet saret meta dan il-Kurċifiss tqiegħed fil-knisja.[45]

Dan il-Kurċifiss għand il-Patrijiet Kapuċċini fil-Furjana mhuwiex l-uniku wieħed f'Malta u li hu maħdum fuq il-mudell tal-Bernini. Fil-Konkatidral ta' San Ġwann insibu Kurċifiss ieħor u li huwa ħafna iżgħar. Oriġinarjament dan il-Kurċifiss kien jintrama fuq l-artal tal-Kor tal-Konkatidral, sakemm imbagħad dan ġie meħud fit-Teżor. Dan il-Kurċifiss hu magħmul minn bronż indurat bil-fidda li jixbah ħafna lil dak li nsibu għand il-Patrijiet Kapuċċini.[46] Kurċifiss ieħor li jixbah lil dak tal-Kapuċċini huwa dak li nsibu fil-knisja ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo fl-Isla, xogħol attribwit lil Giuseppe Casha.[47] Hekk ukoll il-Kurċifiss li nsibu fil-knisja tal-Madonna tad-Duluri f'Tal-Pietà[48] u l-ieħor fil-qasam tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħal Għaxaq.[49]

The *perizonium* is also executed with a concern for roughening out the main volumes."

[45] Informazzjoni mogħtija minn Br Publius Libreri OFMCap li kien preżenti meta tqiegħed il-Kurċifiss fuq l-artal tal-knisja. It-tul tal-injama li żdiedet min-naħa t'isfel hija ta' 38 cm.

[46] Ara "Da Gian Lorenzo Bernini, *Crocifisso:* La Valletta, Co-Cattedrale di San Giovanni," in *Restauri e Riscoperte di Scultura del Barocco Romano a Malta: Capolavori per l'Ordine dei Cavalieri di San Giovanni,* a cura di Sante Guido (Malta: Midsea Books, 2005), 69-72.

[47] Ara Debono, *The Sculptured Altar Crucifix in the Maltese Islands 1600-1800,* 103-104.

[48] Ara ibid., 104-105.

[49] Ara ibid., 106-107.




***Dettall tal-Kurċifiss tal-injam antik fil-knisja tal-Kapuċċini***

## Konklużjoni

F'dan l-artiklu ppreżentajna t-tagħrif li P. Pelaġju Mifsud, Kapuċċin li għex fis-seklu 18, ħallielna dwar waħda mill-kappelli li kien hemm fil-knisja l-antika tal-Kapuċċini fil-Furjana. Hija tassew ħasra li din il-knisja ġġarrfet fit-Tieni Gwerra Dinjija, biex b'hekk inqerdu tant teżori u ħwejjeġ oħra li magħhom kien hemm marbutin devozzjonijiet u storja twila. Il-kitba ta' P. Pelaġju iżda tfakkarna u turina kemm aħna xxurtjati li tal-inqas għandna deskrizzjoni pjuttost dettaljata ta' dak li kien hemm f'din il-knisja, teżor u ġawhra fil-Furjana u li timmarka waħda mill-ewwel binjiet storiċi li nsibu f'din il-lokalità.


